**Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 26 ta' Lulju 2006**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. L-att mehtieg li bih titlob li sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Lyons, fi Franza, tigi ezegwita f'Malta skond in-normattiva tal-Unjoni Ewropea (permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Lyons, il-klient tieghek, cittadin taljan, gie kanonizzat kreditur ta' socjeta` registrata fi Franza, izda li ghandha assi f'Malta, fis-somma ta' tlett miljun euro);

II. L-att mehtieg sabiex a nom tal-attur titlob ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati;

III. Rikors ghal ritassa tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali wara sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li ghaddiet in gudikat;

IV. Rikors ghall-helsien mill-kustodja (*habeas corpus*) fejn ir-rikorrent qed jallega li qieghed jigi detenut kontra l-ligi fl-Isptar Monte Carmeli;

V. Rikors ghall-ftugh u pubblikazzjoni ta' testment sigriet;

VI. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

1. (a) Fisser l-obbligi principali li avukat ghandu josserva fl-imgieba tieghu lejn il-Qorti skond il-Kodici ta' Etika Professjonali mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

(b) Waqt is-smiegh ta' kawza, avukat "A" gie nkarigat sabiex jirredigi nota ta' osservazzjonijiet. Waqt li qed jipprepara n-nota induna b'kazistika li ma kinetx favorevoli ghall-klient tieghu. Huwa jiddecidi li ma jinkludix din il-kazistika fin-nota tieghu u li jinkludi biss kazistika favorevoli ghat-tezi tal-klient. Fisser, b'referenza ghall-kriterji ta' etika professjonali, jekk "A" mexiex korrettement jew le.

2. (a) "L-obbligu tas-sigriet professjonali illum huwa regolat minn diversi ligijiet apparti mill-Kodici ta' l-Etika Professjonali mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja." Fisser jekk taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni b'referenza ghal-legislazzjoni rilevanti ghar-risposta tieghek.

(b) Semmi l-passi li avukat ghandu jiehu meta klient jinformah li jixtieqU jassumi l-patrocinju minflok avukat iehor, sabiex jassigura ruhu li jagixxi korrettement fil-konfront tal-kollega tieghu.